TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 199/11/F

**Michael Hill**

**vs**

**Bonnie Limited**

Illum 12 ta' Mejju, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-2 ta' Mejju, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elfejn, mija u sebgħin ewro (€2,170), rappreżentanti diversi nuqqasijiet f'bibien u twieqi, minn fejn kien xtara l-post.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

L-intimat fost l-eċċezzjoni tiegħu eċepixxa illi din l-azzjoni mhix proponibbli stante li messu għamel din il-kawża għal difetti moħbija u mhux għad-danni.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u wara li sema' lix-xhieda kollha, u wara li ra s-sottomissjonijiet, u wara li ra l-punti legali, jikkonkludi li skond sentenzi tal-Qorti ta' Malta din l-azzjoni mhix proponibbli għax ir-rrikorrenti jmissu intavola jew azzjoni *reinvendicatoria* jew azzjoni *arestematoria*, li f'dan il-każ ma talabx hekk imma talab biss danni.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888